# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**28/18**

**Minuti tat-tmienja u għoxrin (28) Laqgħa b'Urġenza tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar it-Tnejn 9 ta' Lulju fis-6.00 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier (waslet fis-6.09 pm) |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

***Aġenda:*** ***Il-Festa Titulari ta' Santa Venera***

Il-laqgħa bdiet bit-talba fis-6.03 ta' filgħaxija.

## 1 Il-Festa Titulari ta' Santa Venera

1.1 Is-Sindku spjega kif l-għaqdiet qegħdin jaħdmu bħal katina u li xi għaqdiet talbu l-għajnuna finanzjarja mill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Saret diskussjoni fuq l-għajnuna mitluba li tinkludi l-ħlas tal-*meter* tad-dawl u tal-*mobile toilets*. Is-Sindku qal li huwa ma jħossx li din l-għajnuna tkun donazzjoni iżda, servizz. Huwa żied jgħid li jekk jgħinu fil-ħlas tal-*meter* tad-dawl dan ikun qed ipaxxi lil Vendrini u qal li l-*mobile toilets* jiswew xi €40-il wieħed il-ġurnata. L-għaqdiet li talbu għall-għajnuna kienu l-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju u l-Għaqda tal-Banda. Is-Sindku kien qalilhom li din irid jgħaddiha mill-Kunsill.

1.2 Is-Sur Stephen Sultana ssekonda l-proposta u staqsa jekk hemmx bżonn li jittieħed vot. Is-Sindku qal li ma kienx hemm għalfejn tmur għall-vot.

1.3 Is-Sur Charles Camilleri staqsa jekk jistgħux joħorgu l-flus għall-għaqdiet u li l-ordni kienet li ma jistgħux jagħtu xejn. Huwa qal li għandhom jgħinu lill-għaqdiet kollha u li ħaqqhom r-rikonoxximent tagħhom. Huwa beda jipprova jispjega li din ma taqax taħt il-kapitlu ta' donazzjoni. Is-Sur Camilleri qal li ma jridx li jinħoloq preċedent meta jaf x'jaffrontaw l-għaqdiet.

1.4 Is-Sindku ikkonferma li ma jistgħux jgħatu donazzjoni u wieħed irid jifhem id-differenza bejn donazzjoni u servizz. Huwa sostna li huma qegħdin jiddiskutu l-Festa

Titulari u li dan huwa servizz għall-Festa tal-Lokal ta' Santa Venera. Is-Sindku qal li bħala Kunsill, iridu nipprovdu l-*mobile toilets* biex jinqdew in-nies ta' Santa Venera.

1.5 Is-Sur Camilleri qal li huwa jaqbel ma dan imma żied jgħid li mhux suppost jħallu min jagħmel *photocopies*. Huwa staqsa jekk kienux qed isiru *photocopies* għall-għaqdiet għax huwa dejjem kien favur li jgħinu l-għaqdiet.

1.6 Is-Sindku qal li meta kien kellem l-*accountant*, hija kienet ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill kien qiegħed jaħli ħafna flus fuq il-*photocopies*. Huwa saħaq li hemm bżonn iżomm li ma jsirux abbużi. Il-*photocopies* jistgħu jagħmluhom x'imkien ieħor u d-dawl bilfors iridu jieħdu l-permess mingħand il-Kunsill. Saħaq li huma ser ikunu qed jagħtu servizz lill-Festa ta' Santa Venera. Huwa xtaq ikun jaf ideat ġodda mill-Kunsillieri ta' x'jistgħu jtejbu u x'jistgħu jevitaw li jsir din is-sena fuq dak li gara s-sena l-oħra.

1.7 Is-Sur Sultana staqsa jekk il-Kunsill talabx għall-bollards peress li s-sena l-oħra kien għadda tal-iskart u tal-Arriva.

1.8 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kiteb lit-TM u dawn kienu għadhom ma rrispondewx. Huwa saħaq li jekk jingħataw il-permess li jagħmlu l-bollards ikunu jistgħu jgħalqu t-toroq temporanjament. Il-Kunsill għandu bollards imma permess mit-TM kien għadu ma wasalx.

1.9 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi affarijiet oħra li xtaqu jsemmu. Fil-fatt issemma l-bukkett fjuri għall-istatwa titulari. Il-bukkett irid ikun quddiem il-vara nhar it-28 ta' Lulju. Il-Kunsill approva li jintefqu sa €50 għall-fjuri u biex nitolbu għall-kwotazzjoni.

1.10 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li waqt il-laqgħa li kellu mas-Supt Carmelo Magri, u mal-Għaqdiet prinċipali ssemmew xi nies li jistgħu jtappnu l-andament tal-festa.

1.11 Il-Kunsilleri s-Sinj Mariella Micallef emfasiżżat li l-bozoz li hemm mitfijien jittranġaw sa qabel il-festa. Fil-fatt issemmew ir-*reflectors*, il-bozoz li hemm fuq il-Pont, ħdejn il-flats ta' Bonaci u l-oħra titfi u tixgħel ħdejn il-*Capricorn*.

1.12 Is-Sinj Micallef ipproponiet li jingħata rigal kif jgħatu Kunsilli l-oħra lil tal-Banda.

1.13 Is-Sur Sultana qal li trid tgħati lill-kullħadd bħal Kumitat Festi Esterni. Huwa żied jgħid li ma jemminx li din tkun donazzjoni imma li dan huwa servizz.

1.14 Is-Sinj Micallef sostniet li dawn l-oġġett ser jintuża għall-lokalita'.

1.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsilleri li huwa s-sena l-oħra kien xtara klarinett minn butu u tah lis-Soċjeta' Filarmonika-Banda. Is-Sur Anastasi kompla li r-rigali kollha li ta lill-Anzjani u lill-Għaqdiet Prinċipali kienu kollha minn butu għax mhux permess bil-Liġi lill-Kunsill jagħti xi tip ta' donazzjoni.

1.16 Il-Viċi Sindku qal li mportanti li jew jonfqu għal kollha jew ma jonfqu għal ħadd. Sostna li kif qal is-Sindku, lill-Kunsill iħallas għad-dawl u għat-*Toilets*, huwa servizz.

1.17 Is-Sindku qal li huma qed jiddiskutu l-Festa u li jridu jiddeċiedu li se jonfqu madwar €150 għal kull għaqda. Zied jgħid li rigward il-*meter* tad-dawl dan ser jitħallas darba biss u li ssoltu l-kont ma jiġix iżjed minn €150. Huwa staqsa x'se jagħtu lil tal-Festi Esterni.

1.18 Saret diskussjoni fuq ir-*reception* tal-Festa ta' Santa Venera u lis-sena l-oħra kienet ħarġet Memo li ma jistgħux jonfqu iżjed minn €3000 f'sena waħda għar-riċevimenti tal-festa ta' Santa Venera u dik ta' Gieħ Santa Venera. Il-Kunsill iddeċieda li n-numru tal-mistiednin kellu jkun mhux iżjed minn 200 u l-Kunsill joħrog madwar 100 invit. Saret diskussjoni min ser ikunu l-mistiednin. Is-Sindku sostna li huwa mportanti li bħala spejjes ma jaqbżux nofs is-somma u allura ma jintefqux iżjed minn €1500. Importanti li jintalbu tlett kwotazzjonijiet u naraw l-ispejjes li saru s-sena ta' qabel. Bħalha xorb l-ASE kellha tieħu ħsieb li tordna inbid, birra, soft drinks u ilma. Bħalha d-data tar-ricċeviment intagħzel is-Sibt 21 ta' Lulju 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.

1.19 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier biex jagħtuh l-ismijiet tal-mistiednin tagħhom rispettivament. Is-Sur Sultana qallu li huwa kieku jistieden biss, lill-politikanti li ser joħorgu fuq id-distrett. Is-Sur Briffa qal li kieku huwa jistieden lill-politikanti li ser joħorgu fuq id-distrett ukoll. Is-Sinj Micallef qalet li hija ser ikollha 5 mistiednin. Is-Sur Camilleri wkoll, kien se jippreżenta xi lista. L-ASE infurmat il-Kunsillieri biex jibgħatulha l-ismijiet tal-mistiednin tagħhom ħalli tkun tista' tibgħatilhom l-invit.

1.20 Is-Sur Sultana staqsa fuq il-wardens peress li s-sena ta' qabel kienu wżaw s-servizz tagħhom. Is-Sindku qal li l-Għaqda tan-Nar ser jużaw it-Triq fis 26 ta' Lulju u l-għada ser jużaw il-ġnien.

1.21 Is-Sindku ppropona biex jingħata s-servizz ta' żewġ Gwardjani Lokali għas-Sibt, bejn it-8 u nofsillejl. Kulħadd qabel.

1.22 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi affarijiet oħra biex jiġu diskussi ħalli fil-każ itemm il-laqgħa.

1.23 Is-Sur Formosa staqsa jekk il-Kunsill jistax jinforma lil tal-iskart ħalli jnaddaf sew wara l-festa u s-Sindku wieġbu li kienu diġa' nfurmati.

1.24 Il-Laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati Illum, 10 ta' Settembru 2012